IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.6.2021
COM(2021) 337 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## Rapport Komprensiv lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-użu tal-Garanzija tal-UE tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) u l-funzjonament tal-Fond ta' Garanzija tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)

**Werrej**

**1. Introduzzjoni** ..... 2
2. Garanzija tal-UE ..... 3
3. L-użu tal-Garanzija tal-UE ..... 5
3.1. Taqsima Infrastruttura u Innovazzjoni ..... 6
3.1.1. Il-Portafoll tad-Dejn tal-IIW ..... 7
3.1.2. Il-portafoll tal-Ekwità tal-IIW ..... 8
3.2. Tieqa tal-SMEs ..... 8
3.2.1. Il-Portafoll tad-Dejn tal-SMEW ..... 9
3.2.2. Il-Portafoll tal-Ekwità tal-SMEW ..... 9
4. Il-Funzjonament tal-Fond ta' Garanzija tal-UE taħt il-FEIS ..... 10
4.1. Il-mekkaniżmu ta' proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija ..... 10
4.2. Flussi annwali u kumulattivi ..... 11
4.3. Il-kompożizzjoni u l-karatteristiċi ewlenin tal-portafoll ..... 11
4.4. Prestazzjoni ..... 12
4.5. Valutazzjoni tal-adegwatezza tal-Ammont fil-Mira u l-livell tal-Fond ta' Garanzija FEIS ..... 13
5. Konklużjonijiet ..... 13

# 1. Introduzzjoni

Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) ġie stabbilit fl-2015, flimkien maċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti (EIAH) u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment (PEPI), skont ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013[1] (ir-Regolament FEIS), bl-għan li tingħata spinta lill-investimenti fl-Unjoni permezz tal-mobilizzazzjoni ta' finanzjament privat. Il-ftehim dwar l-immaniġġjar tal-FEIS u dwar l-għoti tal-Garanzija tal-UE ("il-Ftehim dwar il-FEIS") ġie ffirmat mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Bank Ewropew tal-Investiment (il-BEI) fit-22 ta' Lulju 2015.

Il-Ftehim dwar il-FEIS ġie emendat u ddikjarat mill-ġdid diversi drabi:

- L-**ewwel** emenda u dikjarazzjoni mill-ġdid tal-Ftehim dwar il-FEIS ġiet iffirmata fil-21 ta' Lulju 2016, biż-żieda ta' żewġ Prodotti oħra taħt it-Tieqa għall-SMEs (SMEW): Il-Prodott ta' Ekwità SMEW u t-Tisħiħ tal-Garanzija tal-EaSI[2];

- It-**tieni** emenda u dikjarazzjoni mill-ġdid tal-Ftehim dwar il-FEIS ġiet iffirmata fil-21 ta' Novembru 2017, li tikkonverti t-tliet Prodotti ta' garanzija taħt l-SMEW minn titjib temporanju (*frontloading*) għal struttura ta' titjib permanenti (top-up) u ż-żieda ta' Prodott SMEW ġdid, it-titjib tal-Faċilità ta' Garanzija tas-Setturi Kulturali u Kreattivi (CCS GF);

- Fl-2017, ir-Regolament FEIS kien emendat bir-Regolament (UE) 2017/2396 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) 2015/1017 fir-rigward tal-estensjoni tad-durata tal-FEIS kif ukoll l-introduzzjoni ta' titjib tekniku għall-Fond u għall-EIAH[3] (ir-Regolament FEIS 2.0). Ir-Regolament FEIS 2.0 żied, fost l-oħrajn, id-daqs tal-Garanzija tal-UE u aġġusta r-rata ta' proviżjonament fil-mira. It-**tielet** emenda u dikjarazzjoni mill-ġdid tal-Ftehim dwar il-FEIS ġiet iffirmata fid-9 ta' Marzu 2018 biex jirrifletti r-Regolament FEIS 2.0;

- Ir-**raba'** emenda u dikjarazzjoni mill-ġdid tal-Ftehim dwar il-FEIS ġiet iffirmata fl-20 ta' Diċembru 2018 biex tiżdied il-kontribuzzjoni tal-FEIS għal Prodotti SMEW eżistenti u jiżdiedu żewġ Prodotti SMEW oħra (Prodott tal-Kombinamenti tal-FEIS u Kreditu Privat tal-FEIS għall-Prodott tal-SMEs);

- Il-**ħames** emenda u dikjarazzjoni mill-ġdid tal-Ftehim dwar il-FEIS ġiet iffirmata fis-27 ta' Marzu 2020 biex, fost l-oħrajn, tiżdied il-kontribuzzjoni tal-FEIS għall-Prodotti SMEW eżistenti u jiżdiedu żewġ Prodotti SMEW ġodda (il-Prodott tal-Azzjoni ta'

[1] ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1-38.
[2] Il-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali.
[3] ĠU L 345, 27.12.2017, p. 34.

Espansjoni Ewropea għall-Kapital ta' Riskju (ESCALAR) u l-Prodott Ħiliet u Edukazzjoni (S&E));

- Bħala rispons biex jitrażżan l-impatt ekonomiku tal-virus COVID-19, is-**sitt** emenda u dikjarazzjoni mill-ġdid tal-Ftehim dwar il-FEIS ġiet iffirmata fis-27 ta' April 2020 biex ir-riżorsi mill-Portafoll ta' Ekwità tal-Banek Promozzjonali Nazzjonali (NPBs) tat-Tieqa ta' Infrastruttura u Innovazzjoni (IIW) jiġu sfruttati mill-ġdid kif ukoll ċerti Prodotti SMEW eżistenti biex jappoġġaw is-self ta' kapital operatorju lil kumpaniji milquta mill-COVID-19.

  F'dan il-kuntest, il-Garanzija tal-UE allokata lit-Titjib tal-Faċilità ta' Garanzija ta' Self COSME (COSME LGF) żdiedet għal EUR 1 484 miljun u l-Garanzija tal-UE allokata għat-Tisħiħ ta' InnovFin SMEG żdiedet għal EUR 1 400 miljun.

L-Artikolu 18(3)(b) tar-Regolament FEIS jiddisponi li l-Kummissjoni, sat-30 ta' Ġunju 2018 u kull tliet snin wara dik id-data, għandha tippubblika rapport komprensiv dwar l-użu tal-Garanzija tal-UE u l-funzjonament tal-Fond ta' Garanzija.

Il-perjodu ta' impenn tal-FEIS intemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Il-firem tal-operazzjonijiet tal-FEIS diġà approvati jistgħu jseħħu sal-31 ta' Diċembru 2022, filwaqt li l-monitoraġġ operazzjonali se jkompli sakemm isir il-ħlas lura tal-operazzjonijiet kollha ta' finanzjament u investiment appoġġati mill-Garanzija tal-UE.

Id-data tal-għeluq għaċ-ċifri użati f'dan ir-rapport hija l-31 ta' Diċembru 2020.

## 2. Garanzija tal-UE

L-Unjoni tipprovdi garanzija mingħajr kundizzjoni, irrevokabbli u fuq talba għall-BEI għall-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment taħt il-FEIS. Billi tipprovdi ġarr ta' riskju ogħla lill-BEI, il-Garanzija tal-UE tippermetti għal żieda fil-volum ta' riskju ogħla mill-proġetti appoġġati minn operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tal-BEI taħt l-IIW u, bħala riżultat, jgħin jindirizza l-fallimenti tas-suq u sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali. Il-Garanzija tal-UE tippermetti volum ikbar ta' self u numru akbar ta' kumpaniji li għandhom jiġu koperti taħt l-SMEW permezz tal-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) u b'hekk tiffaċilita l-aċċess għall-finanzi[4] għal SMEs u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja.

Parti mill-operazzjonijiet globali tal-FEIS hija koperta mill-Garanzija tal-UE, filwaqt li parti oħra titwettaq b'riskju proprju tal-BEI. Id-dotazzjoni inizjali tal-Garanzija tal-UE kienet ta' EUR 16-il biljun mill-baġit tal-UE, flimkien ma' allokazzjoni ta' EUR 5 biljun tar-riżorsi tal-

[4] L-Artikolu 3 tar-Regolament FEIS.

BEI stess. Dawn l-ammonti żdiedu għal EUR 26 biljun u EUR 7,5 biljun, rispettivament, bir-Regolament FEIS 2.0.

In-natura tal-Garanzija tal-UE qed iddur sa tmiem l-2022, li jfisser li l-kopertura tal-Garanzija tal-UE tista' tkun disponibbli għal operazzjonijiet ġodda wara l-amortizzazzjoni ta' dawk eżistenti, dment li l-Garanzija tal-UE qatt ma taqbeż EUR 26 biljun u li l-pagamenti netti aggregati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni taħt il-Garanzija tal-UE ma jaqbżux is-EUR 26 biljun.

Il-Garanzija tal-UE tkopri l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment iffirmati mill-BEI taħt il-IIW u mill-FEI taħt l-SMEW. It-tqassim inizjali bejn iż-żewġ twieqi kien sa massimu ta' EUR 13,5 biljun għall-IIW u sa massimu ta' EUR 2,5 biljun għall-SMEW. Meta wieħed iqis ir-reazzjoni qawwija għall-SMEW, il-Bord ta' Tmexxija tal-FEIS iddeċieda li jsaħħaħ lil din tal-aħħar permezz ta' riassenjazzjoni ta' EUR 500 miljun mill-IIW għall-SMEW f'Lulju 2016. Ir-Regolament FEIS 2.0 kompla jżid is-sehem tal-SMEW, billi stabilixxa limitu massimu ta' EUR 6,5 biljun li jista' jiġi aġġustat mill-Bord ta' Tmexxija sa massimu ta' EUR 9 biljun[5] (Tabella 1).

F'April 2020, bħala rispons għall-pandemija tal-COVID-19, il-Bord ta' Tmexxija tal-FEIS approva t-trasferiment ta' EUR 250 miljun mill-Portafoll ta' Ekwità tal-NPBs tal-IIW għall-SMEW sabiex tiżdied il-kapaċità tal-istrumenti mmirati lejn l-SMEs milquta mill-COVID-19.

**Tabella1 — Il-qsim tal-Garanzija tal-UE u l-iżvilupp tagħha tul iż-żmien**

| (f'biljuni ta' EUR) | Sena | IIW | SMEW | Il-Garanzija Totali tal-UE | Riżorsi proprji tal-BEI | FEIS Totali |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **FEIS 1.0** | 2015 | 13,5 | 2,5 | **16,0** | 5,0 | **21,0** |
| **Aġġustament tal-FEIS 1.0** | 2016 | 13,0 | 3,0 | **16,0** | 5,0 | **21,0** |
| **FEIS 2.0** | 2018 | 19,5 | 6,5 | **26,0** | 7,5 | **33,5** |
| **Aġġustament tal-FEIS 2.0** | 2020 | 19,25 | 6,75 | **26,0** | 7,5 | **33,5** |

**Sors**: Is-servizzi tal-Kummissjoni

[5] L-Artikolu 11(3) tar-Regolament FEIS.

### Ir-rispons tal-FEIS għall-kriżi tal-COVID-19

Wara t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 fil-bidu tal-2020, il-FEIS kien parti mir-rispons ikkoordinat Ewropew li kellu l-għan li jtaffi l-impatt soċjoekonomiku tal-kriżi tal-COVID-19. Abbażi tar-riżorsi rilaxxati mill-FEIS, il-FEI pprovda garanziji ta' EUR 2,2 biljun lill-intermedjarji finanzjarji, filwaqt li għamel disponibbli EUR 8 biljun f'finanzjament għan-negozji, inklużi intrapriżi mikro u soċjali kif ukoll SMEs fis-setturi kulturali u kreattivi.

Barra minn hekk, sabiex jipprovdi appoġġ lill-benefiċjarji finali mill-aktar fis possibbli, il-Bord ta' Tmexxija tal-FEIS iddeċieda f'April 2020 li jissimplifika l-proċess ta' approvazzjoni għal operazzjonijiet speċifiċi fil-pakketti ta' finanzjament tal-COVID-19 taħt l-IIW.


Pereżempju, f'Mejju 2020 il-Bord tal-BEI approva t-tranżazzjoni tal-FEIS li tappoġġa lill-kumpanija Ġermaniża BioNTech SE b'EUR 100 miljun f'finanzjament tad-dejn għall-iżvilupp u l-manifattura tal-vaċċin kontra l-COVID-19. Dan ippermetta lill-kumpanija tespandi l-kapaċità tal-manifattura tagħha sabiex tforni l-vaċċin madwar id-dinja malajr kemm jista' jkun b'reazzjoni għall-pandemija.

## 3. L-użu tal-Garanzija tal-UE

Din it-taqsima teżamina l-użu tal-Garanzija tal-UE skont l-attivitajiet differenti appoġġjati mill-FEIS. Il-Garanzija tal-UE tkopri prodotti differenti taħt iż-żewġ twieqi: It-Tieqa għall-Infrastruttura u l-Innovazzjoni u t-Tieqa għall-SMEs.

Sa tmiem l-2020, il-grupp tal-BEI (il-BEI u l-FEI) approvaw 1,549 operazzjoni taħt il-FEIS għal finanzjament totali ta' EUR 103 biljun. Minn dawn l-operazzjonijiet, 1 421 kienu diġà ġew iffirmati sa tmiem l-2020, għal finanzjament totali ta' EUR 82,7 biljun. L-operazzjonijiet approvati huma mistennija jimmobilizzaw investimenti ta' EUR 545,3 biljun (li minnhom l-investimenti totali ta' operazzjonijiet diġà ffirmati jammontaw għal EUR 479,5 biljun) fl-Istati Membri kollha tal-UE u fl-objettivi kollha stabbiliti fir-Regolament tal-FEIS, b'aktar minn nofshom allokati għar-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni (RŻI) u l-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja (Figura 1).

**Figura 1: Investiment tal-FEIS mobilizzat għal operazzjonijiet iffirmati (skont is-settur, Diċembru 2020)**




**Sors:** Is-servizzi tal-Kummissjoni

Fi tmiem l-2020, l-esponiment tal-baġit tal-UE għal pagamenti futuri possibbli skont il-Garanzija tal-UE f'termini ta' operazzjonijiet iffirmati (żborsati u mhux żborsati) ammonta għal EUR 24,1 biljun, filwaqt li l-esponiment żborsat pendenti totali kopert mill-Garanzija tal-UE kien jammonta għal kważi EUR 18,9 biljun.

Mill-31 ta' Diċembru 2020, il-Garanzija tal-UE ntalbet taħt l-IIW għall-ammont totali ta' EUR 80,4 miljun. Barra minn hekk, intalab ammont ta' EUR 5,0 miljun għall-kostijiet ta' finanzjament tal-BEI, EUR 77,4 miljun għal aġġustamenti tal-valur ta' operazzjonijiet tat-tip tal-ekwità u EUR 3,9 miljun għal kostijiet ta' rkupru u tariffi amministrattivi rekuperabbli tal-BEI.

Sa tmiem l-2020, taħt l-SMEW, il-Garanzija tal-UE ntalbet għall-ammont totali ta' EUR 45,6 miljun li ntuża biex jinxtraw muniti mhux EUR għal skopijiet ta' ħħeġġjar.

## 3.1. Taqsima Infrastruttura u Innovazzjoni

Taħt l-IIW, l-allokazzjoni tal-operazzjonijiet tal-BEI għal dejn jew ekwità tal-portafoll tkun ibbażata fuq is-sistema tal-gradazzjoni tas-self tal-BEI u fuq il-valutazzjoni tar-riskju standard tal-BEI. Taħt l-IIW, l-ammont ta' limitu ta' Garanzija tal-UE li jammonta għal EUR 19,25 biljun huwa mqassam kif ġej:

- sa EUR 15,24 biljun għal operazzjonijiet tat-tip tad-dejn;
- sa EUR 4,01 biljun għal operazzjonijiet ta' titoli tat-tip ta' ekwità.

Mill-31 ta' Diċembru 2020, skont l-IIW, il-BEI ffirma 629 operazzjoni għal finanzjament totali ta' EUR 57,2 biljun, li huwa mistenni li jimmobilizza investimenti ta' EUR 278,2 biljun fl-Istati Membri kollha.

### 3.1.1. Il-Portafoll tad-Dejn tal-IIW

IL-Portafoll tad-Dejn tal-IIW jinkludi l-operazzjonijiet kollha ffirmati u mhux ikkanċellati tat-tip ta' dejn. Għal kull operazzjoni, il-BEI jwettaq il-valutazzjoni tar-riskju standard tiegħu, bl-involviment tal-kalkolu tar-rata ta' probabbiltà ta' inadempjenza u rkupru, mingħajr ma titqies il-Garanzija tal-UE (sabiex ikun jirrifletti r-riskju globali tat-tranżazzjoni[6]). L-operazzjonijiet sostnuti mill-Garanzija tal-UE tipikament għandhom profil ta' riskju ogħla minn dak tal-operazzjonijiet normali tal-BEI u għaldaqstant jaqgħu taħt l-ambitu ta' *attivitajiet speċjali*[7]. It-tranżazzjonijiet inqas riskjużi jistgħu jiddaħħlu fil-portafoll tal-FEIS sakemm tingħata prova ċara tal-valur miżjud għoli tagħhom u sakemm l-inklużjoni tagħhom tkun konsistenti mal-kriterju tal-għoti tal-addizzjonalità.

Taħt il-Portafoll tad-Dejn tal-IIW, il-baġit tal-Unjoni jipprovdi 100 % tal-biċċa tal-ewwel telf tal-garanzija għall-portafoll tad-dejn implimentati mill-BEI skont il-FEIS. L-ewwel parti tat-telf huwa mistenni li jkun ta' madwar 25 % għall-Portafoll-Standard tad-Dejn tal-IIW u 33 % għall-Portafoll-Ibridu tad-Dejn tal-IIW[8] tal-volum tal-portafoll ġenerali tal-operazzjonijiet iffinanzjati mill-BEI fl-aħħar tal-perjodu ta' investiment, filwaqt li r-riskju li jkun għad fadal jinġarr kompletament mill-BEI.

Il-Garanzija tal-UE tista' tissejjaħ fil-każ ta' inadempjenza minn debituri tal-BEI jew, jekk isir proċess ta' ristrutturar, biex tkopri telf fir-rigward ta' operazzjonijiet tat-tip ta' dejn.

Operazzjonijiet tad-dejn tal-BEI jiġġeneraw dħul stabbilit skont il-metodoloġija tal-BEI. Id-dħul relatat mar-riskju huwa kondiviż bejn l-Unjoni u l-BEI abbażi tal-prinċipji tal-kondiviżjoni tar-riskju u d-dħul stabbiliti fil-Ftehim dwar il-FEIS, li skonthom il-garanzija tal-UE tkopri l-ewwel parti tal-ewwel telf, filwaqt li l-BEI jżomm is-segment sħiħ tar-riskju residwu.

---

[6] L-Anness II tar-Regolament FEIS, punt 6.

[7] L-Istatut tal-BEI, l-Artikolu 16.

[8] Inħoloq Kompartiment ibridu fi ħdan il-Portafoll tad-dejn IIW biex jakkomoda operazzjonijiet speċifiċi bħal operazzjonijiet ta' kondiviżjoni tar-riskji, li l-BEI jiddelega bi sħiħ lil intermedjarji finanzjarji, Titoli Garantiti b'Assi, eċċ. Mill-31 ta' Diċembru 2020, l-allokazzjoni tal-Garanzija tal-UE għal dan il-portafoll kien ta' EUR 2 biljun.

Mill-31 ta' Diċembru 2020, 460 operazzjoni tat-tip ta' dejn, li minnhom 403 standard tad-dejn u 57 ibridi tad-dejn) kienu ġew iffirmati taħt l-IIW għal finanzjament totali ta' EUR 50,3 biljun.

### 3.1.2. Il-portafoll tal-Ekwità tal-IIW

Il-Portafoll ta' Ekwità tal-IIW jinkludi l-operazzjonijiet kollha ffirmati u mhux ikkanċellati tat-tip ta' ekwità. Taħt dan il-portafoll, il-Garanzija tal-UE tista' tintuża biex issostni investimenti diretti f'kumpaniji jew proġetti individwali (investimenti diretti ta' ekwità) jew finanzjament għal fondi jew riskji ta' portafolji analogi (portafoll tat-tip ta' ekwità).

Il-BEI iwettaq valutazzjoni standard u jiddetermina jekk operazzjoni ġġorrx magħha riskji tat-tip ta' ekwità jew le, irrispettivament mill-forma legali u nomenklatura tagħha.

Skont il-Portafoll tal-Ekwità tal-IIW - Standard, il-BEI jinvesti fuq bażi pari passu mal-garanzija tal-UE. Il-garanzija tal-UE tkopri 50 % f'kull operazzjoni tat-tip ta' ekwità inkluża fil-Portafoll tal-Ekwità tal-IIW - Standard, filwaqt li l-BEI jżomm il-50 % li jifdal.

Il-garanzija tal-UE tista' tintuża biex tkopri l-aġġustamenti tal-valur negattiv, għat-telf realizzat fuq bejgħ u l-kostijiet tal-finanzjament tal-BEI, għall-parti tal-investimenti ta' ekwità garantit mill-UE.

Id-dħul attribwibbli għall-garanzija tal-UE u riċevut fir-rigward tal-Istandard tal-Portafoll tal-Ekwità tal-IIW, jintuża biex titħallas il-Garanzija tal-UE.

It-tielet emenda u dikjarazzjoni mill-ġdid tal-Ftehim dwar il-FEIS tad-9 ta' Marzu 2018 stabbilixxa l-Portafoll tal-Ekwità IIW - NPBs, flimkien mal-Portafoll tal-Ekwità tal-IIW - Standard. Fuq bażi ta' portafoll, il-Garanzija tal-UE tipprovdi 95 % tal-ewwel parti tat-telf, filwaqt li l-BEI jżomm il-5 % li jifdal kif ukoll ir-riskju residwali kollu.

Mill-31 ta' Diċembru 2020, 169 operazzjoni tat-tip ta' ekwità, li minnhom 163 ekwità standard u 6 NPBs ta' ekwità kienu ġew iffirmati taħt l-IIW għal finanzjament totali ta' EUR 6,9 biljun.

## 3.2. Tieqa tal-SMEs

L-SMEW tiffaċilita l-aċċess għas-self u l-finanzjament tal-ekwità għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u, sa ċertu punt, anki kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja. Huwa implimentat mill-FEI.

Il-garanzija tal-UE allokata għall-SMEW skont ir-Regolament tal-FEIS hija limitata għal EUR 6,75 biljun kemm għal operazzjonijiet ta' dejn kif ukoll ta' ekwità.

Sal-31 ta' Diċembru 2020, il-FEI ffirma operazzjonijiet SMEW ma' intermedjarju finanzjarju għal total ta' finanzjament tal-FEI ta' EUR 25,5 biljun. Dawn l-operazzjonijiet huma

mistennija jimmobilizzaw l-investimenti ta' EUR 211 biljun fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, total ta' 1 427 600 kumpanija kienu rċevew finanzjament tal-FEIS taħt l-SMEW.

### 3.2.1. Il-Portafoll tad-Dejn tal-SMEW

Fil-qasam tal-appoġġ għall-finanzjament tas-self, parti mill-SMEW li tibbenefika mill-garanzija tal-UE tagħti spinta lill-istrumenti finanzjarji tal-UE diġà eżistenti għall-SMEs. It-titjib tagħhom taħt il-FEIS ippermetta skjerament aktar mgħaġġel tal-garanzija u ppermetta li dawn l-istrumenti finanzjarji jappoġġaw volum akbar ta' self u għadd akbar ta' kumpaniji. B'mod speċifiku, l-appoġġ jingħata lill-faċilitajiet li ġejjin:

- il-COSME LGF li ttejjeb l-aċċess għall-finanzjament għal SMEs aktar riskjużi;
- l-InnovFin SMEG li tiffoka fuq intrapriżi innovattivi u intensivi fir-riċerka;
- il-Faċilità ta' Garanzija tal-EaSI li tappoġġa mikrofinanzjament u intrapriżi soċjali;
- is-CCS GF li tipprovdi appoġġ dedikat lill-SMEs fis-setturi kulturali u kreattivi;
- il-prodott S&E li ġie żviluppat bħala proġett pilota taħt il-FEIS u jipprovdi finanzjament għal studenti individwali, jinvesti fit-taħriġ mill-ġdid tal-impjegati u l-organizzazzjonijiet tagħhom li joffru / jinvestu fl-edukazzjoni u t-taħriġ; kif ukoll
- il-Prodott tal-Kombinamenti tal-FEIS li jimmira lejn objettivi ta' politika speċifiċi fl-Istati Membri, speċjalment it-tisħiħ tal-aċċess għall-finanzjament fis-settur agrikolu. Dan jikkombina riżorsi mill-fondi strutturali tal-UE jew mill-fondi nazzjonali u mill-FEIS.

Mill-31 ta' Diċembru 2020, 437 operazzjonijiet tat-tip ta' dejn kienu ġew iffirmati taħt l-SMEW għal finanzjament totali ta' EUR 15,1 biljun.

### 3.2.2. Il-Portafoll tal-Ekwità tal-SMEW

Fil-qasam tal-finanzjament tal-ekwità, il-parti tal-SMEW li tibbenefika mill-Garanzija tal-UE taħt il-FEIS tappoġġa tliet faċilitajiet:

- il-Prodott tal-Ekwità tal-SMEW, li taħtu l-FEI jinvesti f'fondi ta' ekwità, fondi ta' fondi jew mezzi ta' koinvestiment li jiggwidaw il-finanzjament tal-ekwità lil kumpaniji tal-istadju bikri (eż. start-ups) u kumpaniji fl-istadju tat-tkabbir u l-espansjoni (eż. scale ups);
- l-ESCALAR li jgħin il-fondi ffukati fuq in-negozji li qed jespandu biex tinkiseb massa kritika akbar; kif ukoll
- il-Programm ta' Kreditu Privat tal-FEIS li jappoġġa fondi ta' dejn diversifikati, u b'hekk iżid il-volum u d-diversità ta' finanzjament alternattiv tad-dejn disponibbli għall-SMEs Ewropej u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja.

Barra minn hekk, l-SMEW jibbenefika wkoll minn involviment dirett tal-BEI ta' EUR 4 biljun li serva biex jiġi estiż il-mandat tar-Riżorsi tal-Kapital ta' Riskju tal-BEI lill-FEI b'appoġġ ta' finanzjament ta' ekwità għall-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja.

Mill-31 ta' Diċembru 2020, 355 operazzjoni tat-tip ta' ekwità kienu ġew iffirmati taħt l-SMEW għal finanzjament totali ta' EUR 10,5 biljun.

# 4. Il-Funzjonament tal-Fond ta' Garanzija tal-UE taħt il-FEIS

Il-Fond ta' Garanzija taħt il-FEIS (il-Fond ta' Garanzija) ġie stabbilit skont l-Artikolu 12 tar-Regolament FEIS u huwa ffinanzjat prinċipalment minn pagamenti mill-baġit ġenerali tal-Unjoni u d-dħul li joriġina minn operazzjonijiet taħt il-Garanzija tal-UE. Il-Fond ta' Garanzija jikkostitwixxi riżervi ta' likwidità, li minnu l-BEI għandu jitħallas fil-każ ta' talba mill-garanzija tal-UE. Il-Fond ta' Garanzija jrid jinżamm f'ċertu perċentwal (ir-Rata Mmirata) tal-ammont totali tal-obbligi taħt il-Garanzija tal-UE, li bħalissa huwa stabbilit għal 35 %. B'hekk, ir-riżerva ta' likwidità hija maħsuba biex tipprovdi marġni ta' sigurtà adattata li tevita li l-baġit tal-Unjoni jiġi espost għal sejħiet ta' garanzija għall-għarrieda, li jista' jinvolvi tnaqqis fl-infiq jew emendi tal-baġit.

Skont il-Ftehim dwar il-FEIS, is-sejħiet jitħallsu mill-Fond ta' Garanzija jekk l-ammont tagħhom ikun akbar mill-fondi għad-dispożizzjoni tal-BEI fil-kont tal-FEIS. Il-kont tal-FEIS, immaniġġjat mill-BEI, kien stabbilit bl-għan li jinġabar d-dħul tal-Unjoni li jirriżulta minn operazzjonijiet taħt il-Garanzija tal-UE u l-ammonti rkuprati, kif ukoll għall-ħlas ta' sejħiet taħt il-Garanzija tal-UE u għall-ħlas tal-kostijiet amministrattivi u kostijiet ta' rkupru li jistgħu jiġu rkuprati tal-BEI.

Ir-Regolament Finanzjarju[9] stabbilixxa l-Fond ta' Proviżjonament Komuni (CPF) biex iżomm id-dispożizzjonijiet assenjati biex ikopru l-obbligazzjonijiet finanzjarji li jirriżultaw minn garanziji baġitarji u programmi ta' assistenza finanzjarja taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 kif ukoll obbligazzjonijiet ta' legat. Għalhekk, minn Jannar 2021, il-Fond ta' Garanzija taħt il-FEIS jikkostitwixxi kompartiment separat fi ħdan is-CPF.

## 4.1. Il-mekkaniżmu ta' proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija

Il-proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija jsir permezz ta':

- kontribuzzjonijiet mill-baġit ġenerali tal-Unjoni; il-baġit allokat għall-proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija jammonta għal EUR 8 425 miljun;
- dħul u kwalunkwe pagament ieħor riċevut mill-Unjoni skont il-Ftehim dwar il-FEIS, kif ukoll dħul u pagamenti mill-ġdid minn strumenti finanzjarji taħt il-"Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa"[10] u "Fond Ewropew 2020 għall-Enerġija, it-Tibdil fil-Klima & Infrastruttura" - Fond Marguerite[11];
- ir-ritorni (interessi) fuq riżorsi tal-Fond tal-Garanzija investiti fis-swieq finanzjarji;

[9] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).
[10] Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013.
[11] Ir-Regolament (KE) Nru 680/2007.

- ammonti rkuprati minn proġetti li għalihom kienet imsejħa Garanzija tal-UE.

Il-proviżjonament globali tal-Fond ta' Garanzija, bħala parti mis-CPF bħala kompartiment minn Jannar 2021, qed jiġi kostitwit progressivament sal-2022.

## 4.2. Flussi annwali u kumulattivi

L-impenji baġitarji u l-pagamenti għall-provvediment tal-Fond ta' Garanzija huma ppreżentati fit-Tabella 2.

**Tabella 2 — Proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija**

| (f'miljuni ta' EUR) | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Impenji** | 1 350,0 | 2 110,2 | 2 680,3 | 2 069,3 | 357,3 | 301,0 |
| **Pagamenti** | 0 | 1 018,0 | 2 489,6 | 2 013,9 | 1 166,2 | 1 248,9 |

Il-perjodu ta' impenn tal-FEIS għall-kontribuzzjonijiet tal-baġit tal-UE ntemm fil-31 ta' Diċembru 2020. L-impenji minn dħul assenjat jistgħu jsiru sal-2022, kull meta jkunu disponibbli. Mill-31 ta' Diċembru 2020, l-ammont kumulattiv ta' madwar EUR 8 868 miljun ġie impenjat għall-proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija, li minnhom EUR 8 425 miljun mill-baġit ġenerali tal-UE u EUR 443 miljun minn dħul assenjat.

Il-pagamenti lill-Fond ta' Garanzija mill-baġit tal-UE huma skedati sal-2022. Madankollu, il-pagamenti minn dħul assenjat jistgħu jsiru sal-2023. Ammont totali ta' madwar EUR 7 937 miljun effettivament tħallas fil-Fond ta' Garanzija, li minnhom EUR 7 513-il miljun ġew mill-baġit ġenerali tal-UE, filwaqt li EUR 424 miljun ġew irkuprati bħala dħul assenjat.

Mill-31 ta' Diċembru 2020, l-operazzjonijiet tal-FEIS immaniġġjati mill-EIB taħt l-IIW iġġeneraw dħul nett kumulattiv ta' EUR 674 miljun għall-UE, li minnhom EUR 243 miljun huma relatati mas-sena 2020[12].

Għall-operazzjonijiet tal-FEIS taħt l-SMEW, l-UE ġarrbet kost nett kumulattiv ta' EUR 452 miljun, li minnhom EUR 295 miljun huma relatati mas-sena 2020[13].

## 4.3. Il-kompożizzjoni u l-karatteristiċi ewlenin tal-portafoll

Il-portafoll ta' investiment tal-Fond huwa investit skont il-prinċipji ta' ġestjoni stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016)165 tal-21 ta' Jannar 2016 li tapprova l-linji gwida tal-ġestjoni tal-assi tal-fond ta' garanzija tal-FEIS.

[12] Ċifri skont ir-Rapport Finanzjarju awditjat (Skeda III tal-Fteħim dwar il-FEIS).
[13] Idem bħal hawn fuq.

Dawn il-linji gwida jipprevedu li l-assi fil-portafoll ta' investiment għandhom jipprovdu biżżejjed likwidità fir-rigward ta' talbiet potenzjali għal ħlas ta' garanzija, filwaqt li xorta għandhom l-għan li jtejbu kemm jista' jkun il-livell ta' rendiment u ta' riskju li huwa kompatibbli maż-żamma ta' livell għoli ta' sigurtà u stabbilità.

L-istrateġiji ta' investiment u l-ġestjoni tar-riskju ġew adottati biex b'hekk jirriflettu l-objettivi ta' investiment u l-prospettiva tal-kundizzjonijiet tas-suq. L-approċċ ta' investiment huwa mmirat lejn diversifikazzjoni mtejba f'diversi klassijiet ta' assi bi dħul fiss.

Minn Diċembru 2020, il-portafoll ta' investiment kien magħmul l-aktar minn titoli maħruġa minn sovrani, sottosovrani, supranazzjonali u aġenziji (46,8 % tal-valur tas-suq), korporattivi (20,3 % tal-valur tas-suq) u bonds koperti (17,1 % tal-valur tas-suq). Madwar 5,2 % tal-portafoll kienu investiti f'investimenti ddenominati f'USD f'forma likwida u bi klassifikazzjoni għolja (AA/AAA). L-iskopertura għar-riskju tal-valuta ta' dawn l-investimenti ġiet iħħeġġjata.

Id-durata tal-portafoll fi tmiem l-2020 kienet ta' 3,19-il sena u l-klassifikazzjoni ta' kreditu medja tiegħu hija BBB +.

Il-biċċa l-kbira tal-portafoll jiġi investit f'titoli likwidi u parti adegwata (25 % tat-total tal-valur tal-portafoll) timmatura f'inqas minn 12-il xahar.

Il-profil tal-portafoll, f'termini ta' durata, riskju ta' kreditu u likwidità, ġie kkalibrat skont il-flussi tal-flus imbassra li jirriżultaw minn operazzjonijiet tal-FEIS taħt il-garanzija tal-UE (eż. sejħiet proġettati, dħul).

Minn Diċembru 2020, il-proporzjon tal-istrumenti ttikkettati ESG[14] fil-portafoll kien ta' 9,5 %.

## 4.4. Prestazzjoni

Il-prestazzjoni hija kkalkulata fuq il-bażi peżata sabiex ma tiġix affettwata mid-daqs tal-portafoll, li kiber b'mod konsiderevoli matul il-perjodu.

Sa mill-bidu tiegħu f'April 2016, il-Fond ta' Garanzija ta prestazzjoni assoluta ta' 2,4 % minn Diċembru 2020. Dan ir-ritorn inkiseb fi sfond ta' rati negattivi ħafna, speċjalment għal dak li huwa pperċepit mis-swieq bħala "nuqqas ta' riskju ta' kreditu" u skoperturi likwidi fl-Ewropa. Bħala eżempju, ir-rendiment tal-Bonds Ġermaniżi ta' tliet snin kien ta' -0,77 % fi tmiem l-2020.

[14]Kriterji Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza

### 4.5. Valutazzjoni tal-adegwatezza tal-Ammont fil-Mira u l-livell tal-Fond ta' Garanzija FEIS

Ir-Rata Mmirata tal-Fond ta' Garanzija kien oriġinarjament stabbilit għal 50 % tal-obbligi ta' garanzija totali tal-UE. Din il-mira ġiet ikkalkolata qabel il-bidu tal-FEIS.

Fl-2016, l-evalwazzjoni interna tal-Kummissjoni tal-FEIS[15] ikkonkludiet li l-proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija jista' jiġi aġġustat. Il-valutazzjoni tar-riskju tal-prodotti differenti appoġġati mill-Garanzija tal-UE turi li b'mod ġenerali, il-baġit tal-Unjoni għandu jkun protett b'mod adegwat minn sejħiet potenzjali taħt il-Garanzija tal-UE bir-Rata Mmirata għall-proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija ta' 35 %, b'kunsiderazzjoni tal-irkupri, id-dħul u l-flussi minn operazzjonijiet preċedenti tal-FEIS.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill approvaw il-proposta tal-Kummissjoni u r-Rata Mmirata ġiet stabbilita f'livell ta' 35 % tat-total tal-obbligi ta' Garanzija tal-UE hekk kif jidħol fis-seħħ ir-Regolament FEIS 2.0.

Il-valutazzjoni tar-riskju tal-prodotti differenti appoġġati mill-Garanzija tal-UE fi Frar 2021 ikkonfermat li, b'mod ġenerali, b'rata mira ta' 35 %, il-baġit tal-Unjoni jkun protett b'mod adegwat minn talbiet potenzjali taħt il-Garanzija tal-UE, b'kunsiderazzjoni tal-irkupri, tad-dħul u tal-fondi minn operazzjonijiet preċedenti tal-BEI.

## 5. Konklużjonijiet

L-aħħar evalwazzjoni indipendenti tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-FEIS li sostniet il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jistabbilixxi l-Programm InvestEU[16] ikkonkludiet għar-rilevanza u l-effettività ġenerali tal-Garanzija tal-UE. B'mod partikolari, il-livelli ta' Garanzija tal-UE u l-kontribuzzjoni tal-BEI kienu ta' daqs xieraq billi dan ippermetta lill-Grupp BEI biex jimmobilizza livell ta' investiment f'konformità mal-aspettattivi. L-aġġustament tar-Rata Mmirata għall-Fond ta' Garanzija tal-FEIS 2.0 wassal għal użu aktar effiċjenti tal-baġit tal-UE. Barra minn hekk, l-impatt fuq partijiet oħra tal-baġit tal-UE kien limitat, u b'hekk wassal għal żieda fl-effiċjenza tal-appoġġ baġitarju tal-UE. Barra minn hekk, l-approċċ ġenerali ta' mudellar tar-Rata Mmirata tal-FEIS deher xieraq u konformi mal-prattika industrijali.

Sa tmiem l-2020, il-FEIS skatta EUR 545,3 biljun f'investiment kumulattiv fl-Istati Membri kollha, u b'hekk qabeż il-mira ta' EUR 500 biljun filwaqt li taffa l-impatt tal-COVID-19 fuq l-ekonomija tal-Ewropa.

Fl-2021, il-Kummissjoni se tniedi evalwazzjoni ex post tal-FEIS, li hija mistennija li tiġi trażmessa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa tmiem l-2022.

[15] SWD(2016) 297.
[16] SWD(2018) 314 final.